



Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 59/16
Il-Lussemburgu, 8 ta' Ġunju 2016

Stampa u Informazzjoni

Udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja

Dħul fil-kariga ta' Mħallfin ġodda fil-Qorti Ġenerali

Permezz ta' deċiżjoni tal-24 ta' Mejju 2016, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri ħatru bħala Mħallfin fil-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, għall-perijodu bejn it-8 ta' Ġunju 2016 u l-31 ta' Awwissu 2019, lil Inga Reine, Fredrik Schalin u Peter George Xuereb.

Illum ser tinżamm udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-okkażjoni tat-teħid ta' jurament mill-Imħallfin il-ġodda li ser jidħlu fil-kariga tagħhom fil-kuntest tar-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li tipprevedi żieda fin-numru tal-Imħallfin fil-Qorti Ġenerali.

Iċ-ċerimonja ser tixxandar diretta mis-18.00 fuq is-sit seguenti:
<http://conference.connectedviews.com/Live.aspx?i=cdj>

Curricula vitae tal-Imħallfin il-ġodda

Inga Reine

imwielda fl-1975; diploma fid-dritt mill-Università tal-Latvja (1996); master miċ-Ċentru inter-Universitarju Ewropew għad-drittijiet tal-bniedem u għad-demokratizzazzjoni (EIUC) (l-Italja, 1998); ġurista fl-Uffiċċju Latvjan tad-drittijiet tal-bniedem (1995-1999); konsulent mal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u għall-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSCE) [missjoni fil-Kosovo (1999-2002) u missjoni fil-Montenegro (2002-2003)]; ġurista fil-Ministeru tal-affarijiet barranin u rappreżentant tal-Gvern fi ħdan organizzazzjonijiet internazzjonali speċjalizzati fid-drittijiet tal-bniedem (2003-2012); kap ta' unità (2012-2015) u konsulent legali (2012-2016) għar-rappreżentanza permanenti tal-Latvja fi ħdan l-Unjoni Ewropea; membru tal-kumitat ta' tmexxija għad-drittijiet tal-bniedem (CDDH) tal-Kunsill tal-Ewropa (2003-2012); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mit-8 ta' Ġunju 2016.

Fredrik Schalin

imwieleed fl-1964; diploma fid-dritt mill-Università ta' Stokkolma (1991) u mill-Università Paris I, Panthéon-Sorbonne (1990 u 1994); aċċettat bħala membru tal-kamra tal-avukati ta' Stokkolma (2008); référendaire fil-qorti tal-ewwel istanza ta' Södertälje u fil-qorti tal-appell ta' Svea (1991-1993 u 1994-1995); Imħallef fil-qorti tal-ewwel istanza ta' Gotland u ta' Norrtälje (1995-1996); Imħallef fil-qorti tal-appell ta' Svea (1996-1997); assistent segretarju tal-kummissjoni parlamentari tal-Ministeru tal-finanzi (1997-1998); konsulent legali għall-affarijiet Ewropej fil-Ministeru għall-affarijiet barranin (1999); référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (1998 u 1999-2006); ġurista, u mbagħad avukat (2006-2008); Imħallef (2009-2016) u President ta' awla (2012-2015) fil-qorti tal-ewwel istanza ta' Södertörn; lecturer fl-Università ta' Stokkolma (2006-2008); lecturer fl-akkademja tal-qrati Svediżi (2011-2016); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mit-8 ta' Ġunju 2016.

Peter George Xuereb

imwiedel fl-1954; diploma fid-dritt mill-Università ta' Malta (1977); Master of Laws mill-Università ta' Londra (1979); dottorat fid-dritt mill-Università ta' Cambridge (1982); konsulent legali fis-settur privat, u mbagħad mal-Parlament ta' Malta (1993-2016); professur u responsabbi għad-dipartiment tad-dritt Ewropew u tad-dritt komparat fl-Università ta' Malta (1993-2016); president tal-assoċjazzjoni Maltija tad-dritt Ewropew; awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mit-8 ta' Ġunju 2016.

Dokument mhux uffiċċiali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Holly Gallagher ☎ (+352) 4303 3355